**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/662**

**tal-25 ta' April 2019**

**li jestendi d-deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għas-sajd bit-tartaruni għall-makku *(Aphia minuta)*, għall-makku ferreri (*Pseudaphia ferreri*) u għall-arżnell (*Spicara smaris*) f'ċerti ilmijiet territorjali ta' Spanja (il-Gżejjer Baleariċi)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 jipprojbixxi l-użu ta' tagħmir irmunkat sa tliet mili nawtiċi mill-kosta jew sa livell ta' fond ta' 50 m meta dak il-fond jintlaħaq 'il ġewwa minn dik id-distanza mill-kosta.

(2) Meta xi Stat Membru jitlobha, il-Kummissjoni tista' tippermetti deroga mill-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, dment li jiġu ssodisfati għadd ta' kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9).

(3) Ingħatat deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) ta' dak ir-Regolament sas-6 ta' Diċembru 2016 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1233/2013 ([2]).

(4) Fid-9 ta' Awwissu 2016, l-Awtoritajiet Spanjoli talbu lill-Kummissjoni testendi d-deroga lil hinn minn tmiem il-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1233/2013. Spanja tat informazzjoni aġġornata li tiġġustifika l-estensjoni tad-deroga.

(5) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ivvaluta d-deroga mitluba minn Spanja u l-abbozz tal-pjan ta' ġestjoni relatat waqt it-53 sessjoni plenarja tiegħu li saret f'Ottubru 2016 ([3]).

(6) L-STECF jinnota li l-abbozz tal-pjan ta' ġestjoni l-ġdid għall-2016-2019 tjieb sew meta mqabbel mal-pjan ta' ġestjoni preċedenti adottat fl-2013. Madankollu, l-STECF indika ċerti aspetti li jeħtieġu iktar ġustifikazzjoni u kjarifika, b'mod partikolari dawk dwar iż-żieda fil-flessibbiltà taċ-ċensiment għall-flotta; l-operazzjoni fuq il-qigħan tal-algi *Posidonia*; is-separazzjoni tal-ilmijiet madwar Mallorca f'żewġ żoni ta' ġestjoni; żieda fil-qabda totali permissibbli (TAC) staġonali u estensjoni tal-istaġun tas-sajd għall-arżnell.

(7) Fid-dawl tal-evalwazzjoni tal-STECF, il-Kummissjoni talbet aktar *data* u kjarifiki, u Spanja ssottomettiethom lill-Kummissjoni fid-19 ta' Ġunju u fis-6 ta' Novembru 2017, flimkien ma' studju xjentifiku ([4]). Spanja rtirat żewġ proposti għal tibdil fil-pjan ta' ġestjoni: is-separazzjoni tal-ilmijiet madwar Mallorca f'żewġ żoni ta' ġestjoni u l-estensjoni tal-istaġun tas-sajd għall-arżnell.

(8) Spanja adottat il-pjan ta' ġestjoni permezz ta' Digriet ([5]) skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(9) L-estensjoni tad-deroga li talbet Spanja tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

([1]) ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1233/2013 tad-29 ta' Novembru 2013 li jistabbilixxi deroga mir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għas-sajd mit-tartaruni għall-makku u l-makku ferreri (Aphia minuta u Pseudaphia ferreri) u għall-arżnell (Spicara smaris) f'ċerti ilmijiet territorjali ta' Spanja (il-Gżejjer Baleariċi) (ĠU L 322, 3.12.2013, p. 17).

([3]) It-53 rapport tal-laqgħa plenarja tal-STECF (PLEN-16-03, JRC103924): https://stecf.jrc.ec.europa.eu/reports/plenary

([4]) Studju dwar is-sajd bit-tartaruni bl-irkaptu "gerretera" fil-gżira ta' Ibiza, 30.5.2017 (Estudio de la pesca de "*gerret*" con artes de tirada en la Isla de Ibiza, 30.5.2017).

([5]) Decreto 19/2019, de 15 de marzo, por el que se establece el Plan de Gestión Pluriinsular para la Pesca con Artes de Tiro Tradicionales en aguas de las Illes Balears (BOIB N° 035, 16.3.2019, p. 9442).

(10) Jeżistu limitazzjonijiet ġeografiċi speċifiċi meta wieħed iqis id-daqs limitat tal-blata kontinentali u d-distribuzzjoni spazjali tal-ispeċi fil-mira, li hija limitata esklussivament għal ċerti żoni fiż-żoni kostali f'fond li jkun anqas minn 50 metru.

(11) Is-sajd bit-tartaruni ma jistax isir bi rkaptu ieħor u ma għandu l-ebda impatt sinifikanti fuq l-ambjent tal-baħar. Dan is-sajd huwa selettiv, billi t-tartaruni jinġibdu fil-kolonna tal-ilma u ma jmissux qiegħ il-baħar.

(12) It-talba tkopri bastimenti rreġistrati f'ċensiment marittimu ġestit mid-Direttorat Ġenerali għas-Sajd u l-Ambjent tal-Baħar tal-Gżejjer Baleariċi li għandhom esperjenza ta' aktar minn ħames snin fis-sajd u li jaħdmu skont il-pjan ta' ġestjoni li jirregola s-sajd bit-tartaruni għall-makku *(Aphia minuta)*, għall-makku ferreri (*Pseudaphia ferreri*) u għall-arżnell (*Spicara smaris*). Dawk il-bastimenti jinsabu fil-lista li ntbagħtet lill-Kummissjoni skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(13) Id-deroga li talbet Spanja tolqot għadd limitat ta' 55 bastiment.

(14) Il-pjan ta' ġestjoni jiggarantixxi li fil-ġejjieni mhux se jiżdied l-isforz tas-sajd, billi l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd se jinħarġu biss lil 55 bastiment speċifiku u se jiġi stabbilit limitu massimu totali għat-tunnellaġġ u għall-potenza.

(15) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jitwettqu f'distanza qasira ħafna mill-kosta u għaldaqstant ma jfixklux l-attivitajiet ta' bastimenti oħra.

(16) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 li, permezz ta' deroga, jippermetti s-sajd 'il fuq mill-ħabitats protetti jekk is-sajd isir mingħajr ma jintmess il-qiegħ tal-algi skont ċerti kundizzjonijiet.

(17) Billi l-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati huma selettivi, għandhom effett negliġibbli fuq l-ambjent, u mhumiex affettwati mid-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, dawn huma eleġibbli għad-deroga għall-qies minimu tal-malji msemmi fl-Artikolu 9(7) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006. Għaldaqstant, ir-regoli dwar il-qies minimu tal-malji stipulati fl-Artikolu 9(3) ma japplikawx.

(18) Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 8(1)(h) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ma japplikawx minħabba li dawn għandhom x'jaqsmu mal-bastimenti tat-tkarkir.

(19) L-attività tat-tartaruni hija rregolata fil-pjan ta' ġestjoni Spanjol biex jiġi żgurat li l-qbid tal-ispeċijiet imsemmija fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ikun minimu u li l-attivitajiet tas-sajd ma jkollhomx fil-mira ċ-ċefalopodi.

(20) Il-pjan ta' ġestjoni Spanjol jinkludi miżuri għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd, f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 u mal-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 [6]

(21) Għaldaqstant, l-estensjoni tad-deroga li ntalbet jenħtieġ li tingħata.

(22) Spanja jenħtieġ li tirrapporta lill-Kummissjoni fi żmien xieraq u skont il-pjan ta' monitoraġġ previst fil-pjan ta' ġestjoni Spanjol.

(23) It-tul tal-estensjoni tad-deroga jenħtieġ li jkun limitat biex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri ta' ġestjoni korrettivi fil-pront f'każ li r-rapport lill-Kummissjoni juri qagħda ħażina ta' konservazzjoni tal-istokk sfruttat, filwaqt li jkun hemm l-opportunità biex titjieb il-bażi xjentifika għal pjan ta' ġestjoni mtejjeb.

(24) Billi d-deroga li ngħatat permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1233/2013 skadiet fis-6 ta' Diċembru 2016, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mis-6 ta' Diċembru 2016.

(25) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

---

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Deroga**

L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ma għandux japplika fl-ilmijiet territorjali ta' Spanja maġenb il-kosta tal-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi, għas-sajd għall-makku *(Aphia minuta),* għall-makku ferreri (*Pseudaphia ferreri*) u għall-arżnell (*Spicara smaris*) bit-tartaruni li jintużaw minn bastimenti:

(a) irreġistrati fiċ-ċensiment marittimu ġestit mid-Direttorat Ġenerali għas-Sajd u l-Ambjent tal-Baħar tal-Gżejjer Baleariċi;

(b) b'esperjenza fis-sajd ta' aktar minn ħames snin u li fil-ġejjieni mhux se jżidu l-isforz tas-sajd eżerċitat; kif ukoll

(c) b'awtorizzazzjoni għas-sajd u li joperaw skont il-pjan ta' ġestjoni li adottat Spanja skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

*Artikolu 2*

**Pjan ta' monitoraġġ u rappurtar**

Sa Ġunju 2019, Spanja għandha tikkomunika lill-Kummissjoni rapport imfassal skont il-pjan ta' monitoraġġ stabbilit fil-pjan ta' ġestjoni msemmi fl-Artikolu 1(c).

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u perjodu ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-6 ta' Diċembru 2016 sal-31 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' April 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER